



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0381/2011**

16.11.2011

**\***

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2002/546/KE fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha (COM(2011)0443 – C7-0233/2011 – 2011/0192(CNS))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Danuta Maria Hübner

(Proċedura simplifikata - Artikolu 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura)

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	6
PROCĊEDURA .....	7



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2002/546/KE fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha  
(COM(2011)0443 – C7-0233/2011 – 2011/0192(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0443),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0233/2011),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0381/2011),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## NOTA SPJEGATTIVA

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fil-prinċipju ma jawtorizza ebda differenza bejn it-tassazzjoni ta' prodotti lokali tal-Gżejjer Kanari u t-tassazzjoni ta' prodotti minn Spanja jew minn Stati Membri oħra.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/546/KE tal-20 ta' Ġunju 2002<sup>1</sup>, adottata abbażi tal-Artikolu 299(2) tat-Trattat tal-KE, tawtorizza lil Spanja biex, sal-31 ta' Diċembru 2011, tapplika eżenzjonijiet jew tnaqqis tat-taxxa magħrufa bħala AIEM fuq lista ta' prodotti li huma prodotti lokalment fil-Gżejjer Kanari. Id-Deċiżjoni 2002/546/KE tistabbilixxi r-raġunijiet għall-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi, maħsuba biex isaħħu l-industrija lokali billi ssir aktar kompetittiva.

Il-kriżi ekonomika globali tal-2009, li wasslet għal tnaqqis fl-ivvjaġġar, ħalliet konsegwenzi serji fuq l-ekonomija tal-Gżejjer Kanari, li huma dipendenti ħafna fuq dħul mit-turiżmu. Għaldaqstant, ir-rata tal-qgħad żdiedet għal rata li varjat bejn 10.4% u 12%, għall-perjodu 2001-2007, għal 26.2% fl-2009.

Fis-16 ta' Novembru 2010, Spanja ressqet talba quddiem il-Kummissjoni Ewropea biex testendi l-perjodu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2002/546/KE b'sentejn, sabiex id-data tal-iskadenza tkun tikkoinċidi ma' dik tal-Linji gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali Nazzjonali għall-2007 –2013. Il-Kummissjoni vvalutatha fid-dawl tad-daqs tal-iżvantaġġi li jaffettwaw lill-Gżejjer Kanari. Hi waslet għal konklużjoni li, abbażi tal-elementi disponibbli, huwa ġġustifikat li din it-talba tintlaqa'.

Għaldaqstant, hemm proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2002/546/KE rigward il-perjodu tal-applikazzjoni tagħha, li tippermetti l-estensjoni tal-perjodu tal-applikazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2013.

## KONKLUŻJONI

B'segwitu għad-dispożizzjonijiet jew l-Artikolu 46 tar-Regoli ta' Proċedura, il-President jipproponi li din ir-riżoluzzjoni tiġi adottata mingħajr emendi.

---

<sup>1</sup> ĠU L 179, 9.7.2002, p. 22-27.

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Emenda tad-Deċiżjoni 2002/546/KE fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha
<b>Referenzi</b>	COM(2011)0443 – C7-0233/2011 – 2011/0192(CNS)
<b>Data meta ġie kkonsultat il-PE</b>	1.9.2011
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI 13.9.2011
<b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 13.9.2011
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	ECON 13.9.2011
<b>Rapporteur(s)</b> Data tal-ħatra	Danuta Maria Hübner 6.10.2011
<b>Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni</b>	14.11.2011
<b>Eżami fil-kumitat</b>	14.11.2011
<b>Data tal-adozzjoni</b>	14.11.2011
<b>Data tat-tressiq</b>	16.11.2011